MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 427/2008

**A B**

**-vs-**

**C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, Floriana, Malta, liema zwieg gie iskritt fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv tnejn, tnejn, disgha, sitta, tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (2296/1999) hawn anness bhala Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied u dan principalment stante li l-attrici espressament eskludiet tali possibilita’ minn qabel id-data taz-zwieg minhabba l-bazi reali taghha li l-ulied jispiccaw jirtu u jbatu l-kundizzjonijiet medici tal-kontendenti;

Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dottor Marco Burlo’ fil-hamsa (5) ta’ Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001);

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tas-sena 1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Ghaldaqstant, il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fit-tmintax (18) ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija disgha u disghin (1999) f’Malta hawn fuq imsemmi kien null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew l-artikolu 19 (1) (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Tordna li ssir l-awtorizazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D E, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi t-talba tal-attrici ghall-annulament taz-zwieg tal-kontendenti hija gustifikati u fil-fehma tal-konvenut ghandha tigi milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti b'dan illi tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ghandha tkun l-istess attrici illi tbati l-ispejjez kollha ta' din l-istanza.

Illi assolutament m'huwiex minnu illi kunsens tal-esponent kien vizzjat b'xi difett serju ta' diskrezzjoni jew minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' l-element essenzjali tal-hajja mizzewga kien biss il-kunsens tal-attrici illi kien hekk vizzjat kif anke jirrizulta mill-proceduri estitwiti minnha.

Illi t-tieni talba m'hiex mahsuba mil-ligi billi l-materja ta' annotament ta' gudizzju dwar zwieg fl-att taz-zwieg innifsu huwa rregolat bid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 295 tal-Kapitolu 16 illi jiddispenzaw mill-utilita' ta' din it-talba illi f'kull kaz ma tistax tigi akkolta fl-assenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku f'dawn il-proceduri.

Illi l-konvenut m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din l-istanza.

Rat il-kontro-talba guramentata tal-istess C D E, li permezz taghha wara li ppremetta:

Illi l-konvenut notifikat bit-talba ghall-annulament taz-zwieg tieghu maghmula mill-attrici permezz tal-kawza fl-ismijiet premessi qieghed jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri biex jistitwixxi din l-odjerna kontro-talba;

Illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Dicembru 1999 fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, Floriana, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-esponent jirrileva illi madwar xahar qabel iz-zwieg, l-attrici kienet bdiet turi nuqqas ta’ entuzjazmu fil-preparamenti tat-tieg, pero’ l-esponent ma tax piz ghal dan l-atteggjament ghaliex kien taht l-impressjoni illi kien normali li tkun anzjuza ftit qabel iz-zwieg;

Illi sahansitra anke fil-gurnata tat-tieg, l-esponent innota illi l-attrici ma kinitx tidher ferhana u kienet qeghda tipprova taghti l-impressjoni illi kienet kuntenta minhabba n-nies. Ghall-“honeymoon”, il-kontendenti ma kinux siefru minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja taghhom;

Illi l-attrici kienet mill-bidu taz-zwieg kompliet turi illi kienet imdejqa, imhassba u bierda u spiccat tagixxi b’mod passiv fil-konfront tal-esponent b’mod illi dan kien anke affettwa l-intimita’ emottiva u fizika ta’ bejniethom;

Illi li gara kien illi ghall-habta ta’ Novembru 2000, l-esponent sar jaf, minn certu F G, illi l-attrici kienet bdiet relazzjoni ma’ zewgha, certu H G xi tlett xhur biss wara z-zwieg tal-kontendenti, pero’ dan ma kienx attribwit ghal xi nuqqas min-naha tal-esponent hekk kif qed jigi allegat mill-attrici;

Illi huwa minnu illi l-komportament tal-attrici ma kienx dak ta’ mara li tixtieq it-tfal anzi dehret inkwetata izzejjed fuq sahhet it-tfal. L-esponent qatt ma eskluda t-tfal miz-zwieg;

Illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppublikat f’Gunju 2001;

Illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu fl-Att XXXVII tas-sena 1975 li

jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jighgobha tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta’ Dicembru 1999, huwa null skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u taghti dawk l-ordnijiet anciljari illi jkunu xierqa fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-attrici illi tibqa’ minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ A B ghall-istess kontro-talba, li in forza taghha, eccepiet:

Illi sa mill-bidu nett, ir-rapport ta’ bejn il-kontendenti kien wiehed ibbazat fuq bruda da parti taz-zewg partijiet u dan kemm matul l-gherusija u kif ukoll tul il-hajja mizzewga;

Illi taqbel illi hija espressament eskludiet l-ulied miz-zwieg taghha mal-intimat u dan in vista tal-kondizzjonijiet medici serji taghha u tal-istess intimat li peress illi si tratta dwar kondizzjonijiet ereditarji, l-eventwali ulied setghu facilment jigu affettwati;

Illi l-eccipjenti temmen illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-eccipjenti m’ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza odjerna stante illi z-zwieg taghha huwa null ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Ikkunsidrat illi l-partjiet f'din il-kawza zzewgu fl-1999 wara gherusija normali. Ftit xhur wara z-zwieg, ir-rikorrenti bdiet relazzjoni ma' terza persuna. Iz-zwieg sfaxxa u issa qeghda tintalab dikjarazzjoni ta' nullita' a tenur tal-Art. 19 (1) (d) u (f). Jirrizulta illi r-rikorrenti tbati minn kundizzjoni dermatologika waqt li l-intimat huwa diabetiku.

Tressqu bhala prova f'din il-kawza, affidavit taz-zewg partijiet u affidavit ta' missier ir-rikorrenti. Minn dawn il-ftit provi, il-Qorti ma ssib xejn li jwassalha tikkonkludi li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Ir-rikorrenti mbaghad tallega ukoll illi li hija eskludiet il-possibilita' li jkollha tfal minn dan iz-zwieg minhabba l-kundizzjonijiet medici li t-tnejn li huma kellhom, li huma ereditarji.

Ir-rikorrenti tixhed hekk:

"*Irrid nispjega li jiena kont determinata li ma jkollhiex tfal sew minhabba l-marda tieghi tal-gilda u sew minhabba d-diabete ta' C li kienet fegget fuqu ta' erba' snin. Forsi C kien johodni bic-cajta kull meta kont nghidlu li jiena ma ridtx tfal u daqshekk iehor jien kont nikkonsidra x-xewqa ta' C li jkollu t-tfal mieghi bhala wahda mhux serja meta huwa kien jaf bhali li l-kundizzjonijiet medici taghna t-tnejn, minghajr ebda dubju, kienu ereditarji! Ghalhekk, nistaqsi jien, ghalfejn iggib it-tfal fid-dinja u takkisahom b'dawn il-kundizzjonijiet ghal ghomorhom bhal ma ahna maksin C u jien!*"

L-ezistenza tal-kundizzjoni tidher minn certifikat mediku (mhux konfermat bil-gurament).

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-importanza ta' din il-kundizzjoni dermatologika qed tintuza issa bhala skuza. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

– Missier ir-rikorrenti jixhed li meta beda joqrob iz-zwieg staqsiha informat lill-gharus bil-kundizzjoni. Dan juri li l-istess kundizzjoni ma kinitx qed ikollha impatt fuq hajjitha galadarba l-gharus ma kienx induna wahdu bl-ezistenza.

– Ir-rikorrenti llum ghandha tifel. Li kieku l-kundizzjoni kienet daqshekk serja, lanqas ma' ragel iehor ma kien ikollha wild.

– Ghar-rigward tad-diabete li jbati minnha l-intimat, l-intimat jixhed hekk:

"*Nghid illi wara biss ftit zmien flimkien, jien kont ftaht qalbi ma' A li kelli l-marda tad-diabete u min-naha taghha kienet fethet qalbha u qaltli li kellha kundizzjoni fizika fejn kienu jitilawlha ponot ta' certu kobor li f'certi kazi kien ikollha tnehhinhom b'operazzjoni zghira li pero' kienet thallilha l-ponti (stitches). Ahna hassejna li konna nhobbu lil xulxin bizzejjed u dawn in-nuqqasijiet fizici ma kinux se jinterferu fir-relazzjoni bejnietna, kif fil-fatt dejjem gara saz-zwieg.*"

Imkien ma jikkonferma d-decizjoni li ma jkollhomx tfal. Ma jaghti ebda importanza aktar lill-kundizzjoni medika tieghu.

Il-Qorti tifhem illi li kieku bezghet li tghaddi l-kundizzjoni taghhom, ghadha tibza' ukoll illum (issa ghandha tifel). Li kieku kienet daqshekk serja s-sitwazzjoni tieghu, kellha ggib prova dwar id-diskussjonijiet li kellhom dwarha bejniethom. Kontro-ezami lill-intimat ma sarx u lanqas ittella' jixhed in subizzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, iz-zwieg sfaxxa meta r-rikorrenti bdiet relazzjoni ma' ragel mizzewweg ftit wara li zzewget hi. Huwa possibli li l-partijiet ghamlu zball meta zzewgu lil xulxin. Setghu kellhom xi dubji dwar l-imhabba reciproka. Dawn id-dubji ma jirrendux zwieg null.

Il-ftit provi prodotti ma jwasslux lil din il-Qorti ghal dik ic-certezza rikjesta biex tasal ghal dikjarazzjoni ta' nullita'

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti;

Tichad ukoll il-kontro-talba.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------